**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU ROBERT ABELA, 2 TA' LULJU 2024**

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Sur President, meta l-Ħamis li għadda, is-27 ta' Ġunju, attendejt l-ewwel Kunsill Ewropew wara l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, wassalt l-istess messaġġ li wassalt hawn f'pajjiżna jiġifieri l-obbligu fuqna l-mexxejja li nifhmu l-messaġġi diversi li wassal l-elettorat Ewropew; il-messaġġ partikolari għal kull pajjiż, iżda wkoll il-messaġġ madwar il-kontinent.

Huwa minnu li dawn l-elezzjonijiet, minkejja li huma elezzjonijiet Ewropej, jirriflettu l-burdata nazzjonali, iżda daqstant ieħor hemm elementi Ewropej li ċ-ċittadini tagħna jħarsu lejhom, jew saħansitra jiddeċiedu li jinjoraw għax iħossu li mhumiex daqstant importanti f'ħajjithom. M'hemmx dubju li meta tkun qed tħares fuq kontinent, hemm messaġġ kumpless.

Meta tkellimt ma' sħabi l-mexxejja tal-Unjoni Ewropea, li ħafna minnhom tilfu u mhux rebħu bħalna dawn l-elezzjonijiet, rajt li kulħadd ikollu l-interpretazzjoni tiegħu għalih jiġifieri l-interpretazzjoni għall-messaġġ li jkun intbagħat.

Huma x'inhuma ċ-ċirkostanzi ma nistgħu ninqatgħu qatt mill-prijoritajiet tan-nies. Għalhekk meta ddiskutejna l-aġenda strateġika tal-Unjoni Ewropea għall-ħames snin li ġejjin, jiġifieri mill-2024 sal-2029, li kienet tema ewlenija u li qabilha kellna diversi laqgħat li wassluna għal dan il-Kunsill Ewropew, l-enfasi tiegħi kienet dik li aħna nirrappreżentaw lin-nies u mhux lis-sistemi burokratiċi.

Għalhekk f'dak kollu li nagħmlu, dan irridu nżommuh dejjem f'moħħna. B'hekk kienet x'kienet it-tema li ddiskutejna, u kien hemm diversi temi, dan il-punt ta' prinċipju dejjem żammejtu quddiem għajnejja.

Fuq l-aġenda ma kellniex tema waħda. Temi oħrajn kienu:

- L-Ukrajna;
- Il-Lvant Nofsani, is-Sigurtà u d-Difiża;
- Il-Kompetittività;
- Il-migrazzjoni, il-Moldova u l-Ġorġja;
- Iċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss.

M'hemmx dubju li dan l-aħħar punt, jiġifieri ċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss, kien fost l-aktar li ġibed interess, anke fil-mezzi tax-xandir.

Bħala Prim Ministru jien wieħed minn dawk li nemmen li f'dawn id-diskussjonijiet wieħed irid iżomm żewġ punti ewlenin quddiem għajnejh: ir-riżultati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-bilanċ ġeografiku.

Kienu diskussjonijiet li segwew diskussjonijiet li nżammu aktar qabel fi ħdan it-tliet familji politiċi, fil-każ tiegħi tal-Partit Soċjalista Ewropew. Kienu diskussjonijiet li bdew anke qabel fostna l-mexxejja u għalhekk intlaħaq qbil forsi qabel mistenni minn ħafna sezzjonijiet tal-midja.

Naturalment in-nomina proposta mill-Kunsill Ewropew fil-każ tal-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, li hija wkoll l-incumbent, issa tmur għall-vot fil-Parlament Ewropew aktar tard dan ix-xahar.

Eventwalment anke n-nomina tal-Prim Ministru tal-Estonja Kaja Kallas bħala Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, wara li hi nominata għal Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, trid tmur quddiem il-Parlament Ewropew għall-vot. Però se jmorru quddiem il-

Parlament Ewropew bl-appoġġ ċar tal-Kunsill Ewropew.

Il-President tal-Kunsill Ewropew ma jmurx għall-vot fil-Parlament Ewropew għax dik hija deċiżjoni li tispetta lill-Kunsill Ewropew biss, iżda t-terminu tiegħu jibda mat-tnejn l-oħra, jiġifieri fil-bidu ta' Diċembru. Din hija l-kariga li se jkun qed jieħu l-Eks Prim Ministru tal-Portugall António Costa. Illum nista' nirrapporta quddiem il-Kamra li għadu kif informani li se jkun qiegħed iżur lil pajjiżna fil-ġimgħat li ġejjin u fost id-diskussjonijiet u l-laqgħat li se jkollu miegħi se nkunu qed nagħtu prijorità lill-aġenda strateġika. L-Eks Prim Ministru Costa huwa bniedem konxju sew tar-realtajiet tal-Mediterran, realtajiet li jien insemmi wkoll fil-kontest tad-diskussjoni li kellna u jkollna dwar il-politika barranija tal-Unjoni Ewropea.

Nibqa' nisħaq f'messaġġ ċar mill-Unjoni Ewropea dwar l-importanza li trid tagħti lill-Mediterran. Min-naħa tiegħi se nibqa' nimbotta 'l quddiem din il-politika, mhux biss permezz tas-sehem attiv tagħna fil-MED9, li kellna l-pjaċir li l-aħħar wieħed nospitawh f'pajjiżna, iżda wkoll bir-relazzjonijiet bilaterali b'saħħithom ma' pajjiżi mill-Afrika ta' Fuq.

Il-ħatra ta' President tal-Parlament Ewropew teknikament mhijiex parti mill-funzjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Iżda, kif jaf kulħadd, hija kariga li ssemmiet ukoll anke fid-diskussjonijiet li nżammu fi ħdan il-familji politiċi diversi. Il-pożizzjoni tiegħi rigward din il-kariga u n-nominata għaliha għamiltha ċara diġà. M'hemmx dubju li ma naqbilx ma' wħud mill-pożizzjonijiet li ħadet il-President tal-Parlament Ewropew. Dawn tkellimt dwarhom, inkluż hawn, u nerġa' nitkellem dwarhom meta u kemm hemm bżonn. Iżda daqstant ieħor nibqa' konsistenti mal-prinċipju li barra minn xtutna jien ma nkun qatt kontra Maltin bħali, anzi nappoġġjahom u nappoġġjahom bis-saħħa. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, kif għedt aktar qabel addottajna l-Aġenda Strateġika għall-Unjoni Ewropea 2024-2029. Huwa naturali li fuq diversi suġġetti, pajjiżna għandu pożizzjoni komuni bħal dik ta' Stati Membri oħra. Però l-pożizzjoni tagħna hija differenti minħabba r-realtajiet partikolari ta' pajjiżna.

Ħalli nieħu t-tema tas-sigurtà u d-difiża li huma tematiċi ferm bħalissa fid-diskussjoni fi ħdan il-Kunsill Ewropew. Minbarra dawn iż-żewġ temi li intrinsikament huma marbutin ma' xulxin, kien hemm il-ftehim li ffirmaw il-President tal-Kunsill Ewropew Charles Michel, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula Von der Leyen u l-President Ukren Volodymyr Zelenskyy fil-bidu tas-Summit li għadni kemm għamilt referenza għalih.

Rajna li hemmhekk ir-realtà ta' pajjiżna, jiġifieri dik li toħroġ mill-Kostituzzjoni, il-liġi suprema ta' pajjiżna, dik li tikkonċerna n-newtralità u l-prinċipju tan-non-allinjament, tkun riflessa kemm fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u anke fil-ftehim iffirmat mal-Ukrajna.

Sur President, dan il-punt ilna nisħqu fuqu u nsibuh f'konklużjonijiet diversi tal-Kunsill Ewropew, mhux b'inqas f'dan il-ftehim u fil-konklużjonijiet ta' din il-Laqgħa tal-Kunsill li dwarha qed nagħmel din l-Istqarrija Ministerjali.

Fil-fatt meta niġu għall-ftehim mal-Ukrajna li ġie ffirmat miż-żewġ istituzzjonijiet Ewropej li għadni kemm semmejt, il-punt tar-rispett lejn il-politika ta' Stati Membri bħal Malta jissemma darbtejn b'mod ċar kristall. Dan apparti li fuq livell ta' Kunsill għandna wkoll is-serħan il-moħħ li l-proviżjonijiet ta' dan il-ftehim mal-Ukrajna, biex jinbidel, ikun jeħtieġ qbil unanimu tal-Kunsill Ewropew kollu.

Dwar il-Lvant Nofsani, bħala Kunsill enfasizzajna l-importanza tar-rispett u l-

implimentazzjonijiet tal-ordnijiet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Hawn qed nitkellmu dwar il-bżonn tal-lum qabel għada li tintemm l-operazzjoni militari minn Iżrael f'Rafah, fl-istrixxa ta' Gaża. Propju sal-jum li konna fi Brussell, fis-27 ta' Ġunju, kien għaddej aktar ġlied li rriżulta f'aktar telf ta' ħajjiet f'Rafah. Nistqarr li bħala Kunsill għandna nibagħtu messaġġ li jkun ferm aktar sod favur l-imbuttar 'il quddiem tal-paċi.

Nemmen u nappella li bħala komunità Ewropea rridu nkunu lkoll magħquda kontra l-gwerra u favur il-waqfien permanenti mill-ġlied li jrid jasal bir-rieda ta' kulħadd inkluż ta' min issa ilu xhur iżomm ostaġġ ċittadini li nqabdu fl-attakki tas-7 ta' Ottubru fuq Iżrael u l-appell jibqa' għall-ħelsien bla ebda kondizzjoni ta' dawn l-ostaġġi li ftit tax-xhur ilu kelli l-opportunità li niltaqa' mal-familjari tagħhom f'pajjiżna.

Sur President, tema oħra li fuqha kellna diskussjoni u li nemmen li tibqa' kruċjali kemm għal Malta u anke fuq livell Ewropew, kienet il-kompetittività. Hawn id-diskussjonijiet komplew fuq dawk li kellna f'Laqgħa tal-Kunsill f'April. Il-kompetittività hija suġġett importanti wkoll fl-Aġenda Strateġika addottata.

Irridu li kulħadd igawdi b'mod ekwu u ġust mill-potenzjal sħiħ tas-Suq Waħdieni. Neħtieġu implimentazzjoni mingħajr aktar dewmien ta' qafas legali li jħares lejn aċċess ġust ta' prodotti essenzjali bħall-mediċini.

Hawnhekk qed nitkellmu fuq aspett importanti ħafna fejn sfortunatament – din ngħidha b'dispjaċir – dwar il-mediċini m'aħniex qed inħarsu lejn l-aċċess ġust u ndaqs li suppost iħaddan is-Suq Waħdieni.

Malta kienet diġà kisbet konklużjoni tal-Kunsill Ewropew biex jitħaffu n-negozjati dwar il-Pakkett tal-Farmaċewtika li ħejjiet il-Kummissjoni Ewropea.

Fost l-oħrajn dan il-Pakkett jaħseb biex il-kumpaniji li jipproduċu l-mediċini, jiftħu l-aċċess għall-prodotti farmaċewtiċi tagħhom għall-pazjenti f'kull pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea.

Illum qed ngħidu li rridu nimxu mill-kliem għall-fatti bħala Ewropa li tħaddan prinċipji sodi anke fuq is-Suq Waħdieni. Dan biex iċ-ċittadini Ewropej irrispettivament minn fejn jgħixu, anke jekk ikunu jgħixu fuq gżira fil-periferija tal-Ewropa bħalna l-Maltin, kollha għandhom igawdu b'mod ekwu u ġust minn aċċess għal prodotti essenzjali bħalma huma l-mediċini.

Daqstant ieħor meta nitkellmu fuq il-kompetittività nsemmu l-konnettività, aspett importanti li fid-diskussjonijiet dwar l-aġenda strateġika adottata, rajna li jkun hemm referenza għaliha. Il-konnettività trid tkun imtejba biex tassew niksbu l-benefiċċji kollha tas-Suq Uniku.

Imbagħad sikwit nitkellem fuq it-tranżizzjoni ambjentali u m'hemmx dubju li dik imsejħa Green Deal hija suġġett tematiku. Aħna nibqgħu ninsistu li l-qalba ambjentali ma nistgħux inwassluha bl-awsterità. Ikun żball kbir jekk nitfgħu l-piż fuq iċ-ċittadini mingħajr ebda konsiderazzjoni għax ir-realtà turik li meta titfa' l-piżijiet fuq in-nies ħafna drabi jbatu l-aktar dawk li jifilħu l-inqas.

Nibqa' nemmen li l-qalba ambjentali nistgħu niksbuha bil-politika tal-inċentiv u billi nippromwovu proġetti innovattivi, fejn ninċentivaw aktar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

F'pajjiżna qed nagħmlu dan fis-settur tal-enerġija. Hawnhekk il-politika tagħna hija waħda u tibqa' waħda ċara: politika ta' serħan il-moħħ, ta' ċertezza u stabbiltà għall-familji u n-negozji tagħna. (Onor. Membri: Hear, hear) Din id-

deċiżjoni strateġika – ngħid li kienet deċiżjoni strateġika ewlenija - żammet l-ekonomija kompetittiva u fuq kollox m'għakksitx lin-nies anzi wiżnithom bis-saħħa. Aħna kommessi li dak is-sostenn inżommuh fl-istess ħin li nilħqu l-miri finanzjarji tagħna.

Dan il-Gvern investa l-mijiet ta' miljuni ta' ewro biex jgħin lin-nies fl-iktar mumenti kritiċi. Ma jiddispjaċinix li investejna fin-nies. (Onor. Membri: Hear, hear) Iżda daqstant ieħor għandna pjan ċar biex nilħqu l-miri fiskali tagħna, pjan li f'kull Baġit qed nuru l-ħila tagħna fl-implimentazzjoni tiegħu bil-miri milħuqa sena wara sena.

Sur President, dwar il-Migrazzjoni, bħala Kunsill ittieħdet nota tal-ittra riċenti tal-President tal-Kummissjoni Ewropea marbuta mal-Patt fuq il-Migrazzjoni u l-Ażil li jidħol fis-seħħ daqs sentejn oħra u li bħala pajjiż nisħqu fuq il-ħtieġa tal-bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

F'din il-kwistjoni llum qed naraw li f'pajjiżna – mhux kif kien jiġri fil-passat - il-wasliet inżammu taħt kontroll, imma kif dejjem ngħid, ċirkostanza waħda biss jaf tbiddel kollox. Għalhekk hawn nibqgħu nħaddmu l-politika ta' prevenzjoni, rilokazzjoni u ritorn.

Nagħlaq billi npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja tal-konklużjonijiet tal-aħħar Laqgħa tal-Kunsill Ewropew flimkien mal-Aġenda Strateġika għall-Unjoni Ewropea addottata għall-ħames snin li ġejjin u l-Ftehim iffirmat mill-istituzzjonijiet Ewropej mal-Ukrajna.

Bl-elezzjonijiet ta' Ġunju issa jibda ċiklu ieħor fuq livell Ewropew. Irrid nieħu wkoll din l-okkażjoni biex nifraħ lill-Membri eletti Maltin tal-Parlament Ewropew. (Onor. Membri: Hear, hear) L-appell tiegħi jibqa' dak li jġibu l-interess

ta' Malta l-ewwel u qabel kollox. Jien hekk se nibqa' nagħmel f'kull opportunità li jkolli li nirrappreżenta lil pajjiżi barra minn xtutna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)